MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2009

Numru. 844/2008

Il-Pulizija
(Sp Nikolai Sant)
vs
Philip Schembri, iben Salvatore, imwieled Pieta' fil-15 ta' Lulju, 1977

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fid-9 ta' Settembru, 2008 għal ħabta tal-11.45 a.m. ġewwa Triq Salvu Psaila, Birkirkara –
1. ikkaġuna feriti gravi fuq il-persuna tal-Gwardjan Lokali G499 Therron Aquilina, skond kif iċċertifikat Dr. Joyce Aquilina M.D. ta' l-Isptar Mater Dei;
2. attakka jew irrezista bi vjolenza il-Gwardjan Lokali G499 Therron Aquilina waqt il-qadi ta' dmirijietu;

3. ikkaġuna ħsara volontarja fuq nuċċali tal-marka Harley Davidson tal-Gwardjan Lokali G499 Therron Aquilina, ħsara li ma tisskorriex €116.47 imma hi iżjed minn €23.29;
4. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Mejju, 2009 fejn il-partijiet qablu li l-valur tan-nuċċali hu ta' €60, liema soma ġiet konsenjata mill-imputat seduta stante.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Mejju, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 96(a), 216(1)(d), 325(1)(ċ) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------